# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt    Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waslu ftit kwotazzjonijiet dwar il-kameras tas-sorveljenza. Is-Sindku qal illi għandna nirċievu stima wkoll minn Signal Aid Security.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku tal-Qrendi ikkonferma li l-Kunsill tiegħu lest biex iħallas sa €12 lix-xufier li jwassal lil anżjani ta' Ħal Safi u Il-Qrendi sad-Day Centre ta' Żurrieq. Il-Kunsill se jibagħtu ittra lix-xufier biex jinformaw illi ma jaċċetawx il-€15 li jixtieq hu u nistgħu nitilgħu sa  €12 għal kull vjaġġ [ref: punt 3.5]

3.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-kap tal-iskola qalet illi l-FTS ma jistgħux jagħtu l-fondi li hemm bżonn għat-tinda tal-iskola [ref: 3.6] peress illi l-iskola kienet ibbenifikat sew mingħandhom

meta għamlu s-Sala. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li l-kap tal-iskola kienet qalet illi tixtieq għajnuna tal-Kunsill għal proġett tal-EkoSkola u li hi tippreferi l-għajnuna fuq l-EcoSkola minn dan il-proġett. Qalu li kellha tibgħat dan kollu bħala email. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-email ma wasalx. Kulħadd qabel illi l-Kunsill għandu jgħin biss fil-parametriċi għal-liġi u talbiet għandhom isiru bil-miktub. Qal ukoll illi l-kap tal-iskola għanda tibgħat, bil-miktub, biex il-Kunsill jgħin fl-EkoSkola. Is-Sindku lmenta wkoll illi l-inviti għall-EkoGarden kienu biss għal tlett kunsilliera.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat tal-football aċċettaw illi jidħlu fil-IASC. Il-kunsillier Carlo Stivala qal li żewġ membri telqu mill-Kumitat [ref: punt 3.7].

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ta' TipTop ġew bil-Basketball Ring iżda għandhom jerġgħu jiġu peress illi l-Kunsill ma setax joħroġ ċekk f'isimhom għax għax hemm bżonn żewġ firem u persuna ma kienx hemm dak il-ħin. Il-Kunsill għandu jara min se jieħu ħsieb iċ-ċwievet tal-post biex ikunu jistgħu jidħlu n-nies.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tal-GreenPak se jibdew iduru door-to-door mit-tielet ġimgħa ta' Ġunju [ref: 3.10] u se jqassmu l-boroż il-ħodor.

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi wara l-laqgħa preċedenti mar fejn il-ġnien Dun Karm Vella fejn qal ftit li xejn kien hemm karozzi pparkjati [ref: punt 3.12]. Qal illi jħoss illi m'hemmx għalfejn nneħħu parti mill-ġnien biex nagħmlu iżjed postijiet għal karrozzi. Is-Sindku qal illi dejjem jara problemi tal-parkeġġ f'dawk in-naħat. Fl-istess ħin qal illi xorta hemm bżonn ta' xogħol fuq il-ħajt għax ix-xogħol li sar ftit ilu ma sarx sew. Qal illi hemm bżonn li nbidlu l-ġebel tal-ħajt. Hu qiegħed jippjana li jkun hemm ċentru ta' rikreazzjoni f'nofs il-ġnien. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ispejjez se jkunu kbar ħafna għal dan il-proġett, waqt illi jħoss illi l-MEPA mhux se joħorġu l-permessi biex isir xogħol hemm minħabba s-siġar. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bżonn li jitranġa l-post. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel ma dan il-punt iżda ma jaqbilx illi nċeknu l- parti tal-ġnien. Is-Sindku qal illi l-ġnien se jibqa kif inhu, ħlief illi se jidjieq ftit miż-żewġ naħħat biex isir parkeġġ. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx totalment ma dan. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bżonn ta' upgrading iżda mhux illi nitilfu parti mill-ġnien. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-post ma tantx jintuża kif inhu, iżda fuq dan il-punt il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi n-nies jużaw l-area fis-sajf. Is-Sindku qal illi rridu nagħmlu proġett fejn nolqtu lil kulħadd u rridu nħarsu 'il quddiem. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi rridu naħsbu fl-

ambjent ukoll.

3.8 Is-Sindku qal illi l-persuna li ħalla l-ħmieġ f'Misraħ San Mattew [ref: punt nos. 3.13] neħħa xi affarijiet iżda mhux kollox. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dan il-persuna għamel iżjed qsari issa fuq it-traffic island. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-Bulky se jmur meta għandu ċans u jneħħi kollox. L-individwu għandu jħallas għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal ukoll illi se jieħu l-passi flimkien mal-ispettur.

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ordna l-istorage extra għal email tal-Kunsill.

3.10 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm erbgħa kumpaniji li għandhom jibagħtu kwotazzjonijiet għal korsijiet tal-Health and Safety [ref: punt 3.16]

3.11 Il-kunsilliera reġgħu qalu li l-persuna li qed juża garaxx bħala storage ta' oġġetti perikulużi tan-nar [ref: punt 4.4] u li jekk l-ispettur ma jagħmel xejn malajr se jkollna nieħdu azzjoni aħna. Ħadu deċiżjoni li hemm bżonn ta' tabella tal-ħmieġ peress illi qegħdin iħallu pellets. Kollha qablu li rridu naħsbu fis- sigurta tar-residenti.

3.12 Is-Sindku qal illi peress illi tal-Iskola Sajf u tan-Nursery iħallsu, ma jarax għalfejn il-kors tad-Drama għandha tkun b'xejn meta l-Kunsill ma jistax joħroġ sabx fondi għaliha. Qal illi l-Kunsill ma ppretendiex illi se jkun hemm konkorrenza daqshekk għolja u li għalissa għandna nistennew għal dan il-kors. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna naraw il-prezzijiet ta' persuni differenti u mhux tad-Drama Unit biss.

**4. Korrespondenza.**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra oħra, wara waħda simili fil-laqgħa preċedenti fejn residenti lmentaw dwar kaxxi sofor li huma barra djar ta' nies li m'għandhomx problemi fiżiki. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jħoss li ittri anonimi m'hemmx għalfejn nieħdu azzjoni fuqhom għax ma nafux min qed jikteb.

4.2 In-Nutara li kienet preżenti meta l-kandidati li kkontestaw l-elezzjonijiet lokali bagħtet kont ta' €70 għas-servizzi tagħha.

4.3 Il-Perit Musumeċi bagħat il-kont dovut lejħ iżda l-Kunsill reġa fissa li l-ebda sold ma joħroġ f'ismu qabel ma jħallas it-€3000 li tlifna mal-MEPA minħabba nuqqasijiet tiegħu.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskema tal-pagamenti.

**6. Euro 2012**

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandhom jiġu tan-Nexos biex jagħtu parir dwar fejn għandna nagħmlu l-projector u l-iscreen għal Euro 2012. Qal ukoll illi l-Kunsill għandu jara min hu interesat illi jżomm il-bar f'idejħ.

6.2 Il-Kunsill iddeċieda li għandna nibagħtu lill-Każini kollha tar-raħal biex naraw min hu interessat li jieħu dan il-bar f'idejħ. Qalu li jrid jkun rreġistrat bil-VAT.

6.3 Il-Kunsill iddeċieda li wara li nsibu persuna biex jieħu l-bar, nistgħu nibdew nduru l-ħwienet bil-flyers.

**7. Fuljett**

7.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-paġni bil-kulur jistgħu jintużaw għal aħbarijiet dwar korsijiet, informazzjoni dwar il-Ħeritage Trail, Jum Ħal Safi jew il-profil tar-rebbiegħ tal-Premju Onorefiċenża.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna naraw mal-MaltaPost jekk jagħtuna discount għad-distribuzzjoni tal-fuljett jekk nagħmlu l-logo tagħhom fuq il-fuljett.

7.3 Il-Kunsill qabel illi r-ritratt fuq il-faċċata tkun ir-ritratt tal-kunsilliera kollha fil-ġurnata tal-ġurament.

**8. Informazzjoni dwar il-laqgħat mal-Kyocera/Is-sur Robert Galea**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mar-rappreżentant tal-Kyocera. Dan qal illi 'parts' għal photocopier tagħna ma jeżistux iżjed. Hu tah kwotazzjonijiet għal magni differenti. Il-Kunsill qabel illi ma jixtrux magna iżda li jħalsu 1c2 kull karta u għal dan il-kumpanija tal-Kyocera jiprovdu manutenzjoni fuq il-magna b'xejn, waqt illi t-toner ukoll ikun b'xejn, ħlief l-ekotax li jkollu joħroġ il-Kunsill.

8.2 Il-Kunsill qabel li jiġi s-sur Robert Galea biex jagħti non-smoking kors. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Galea talab għal €300 għal jumejn kors. Il-kunsilliera qalu li jaqblu mal-vantaġġi li jistgħu jsiru grazzi għal dan il-kors u għalhekk qablu totalment.

**9. Ħwejjeġ oħra**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li t-Tnejn 28 ta' Mejju l-kunsilliera kellhom invit għall-aħħar klassi tal-Klassi Kreattiv.

9.2 Is-sur Omar Schembri talab permess mill-Kunsill biex joħroġ fuljett għal 'Ibqa Attiv 2012' kif ukoll staqsa l-Kunsill jekk jistgħu jipprovdu xi ikel u xorb/medalji għal "End of Season" tan-Nursery. Il-kunsilliera approvaw it-talbiet tiegħu u qalu li jista jkomplu jippjana kollox kif kienu ppjanati fil-passat.

9.3 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jħoss illi l-Kunsill għandu jgħin lis-sur Omar Schembri fin-nursery u biex inwaqqfu l-inġustizzja li t-tfal jitilqu għal timijiet oħrajn wara li nibnu l-pedamenti għal futur tagħhom fl-isport.

9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-UIF hemm €12,264.24 wara li l-ammont ġie rivedut.

9.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm domanda għas-SummerLeague. Issuġġerixxa illi niktbu l-

kondizzjonijiet u noħorġu flyer/applikazzjonijiet.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se tkun fit- 13 ta' Ġunju 2012.

Sindku                                         Segretarju Eżekuttiv